22 ta' Mejju, 1950

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Angelo Aquilina *versus* Maria Camilleri et.**

**Spejjeż Privileġġjati — Kanonizzazzjoni tal-Kreditu — Inskrizzjoni Ipotekarja — Art. 2118 (4) u art. 2149 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-ispejjeż privileġġjati, f'materja ta' konkors bejn diversi kredituri, huma dawk li jsiru fl-utilità komuni tal-kredituri kollha, bħal ma huma dawk inkorsi biex il-ħaġa li fuqha jikkonkorru l-kredituri tiġi protetta fil-vantaġġ ta' kulħadd.*

*L-ispejjeż li kreditur jagħmel biex jikkanonizza l-kreditu tiegħu ma jgawdux privileġġ.*

*Inskrizzjoni ipotekarja ma għandhiex effett jekk tiġi magħmula fi żmien li fih id-debitur ikun fi stat ta' falliment, jew jekk jiġi pruvat li l-kreditur fiż-żmien li ħa dik l-inskrizzjoni kien jaf bl-eżistenza ta' ċirkustanzi tali li setgħu jġagħlu lid-debitur jiddikjara falliment; basta li dan ikun kummerċjant.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha tas-26 ta' Novembru 1948, fejn jinsabu mniżżlin it-talbiet ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u biha ġiet revokata s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-28 ta' Ġunju 1948, u l-kawża mill-ġdid intbagħtet quddiem il-Qorti tal-Kummerċ biex jiġi maqtugħ il-meritu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-12 ta' Jannar 1950, illi ddeċediet adeżivament għall-ewwel domanda, fis-sens li ddikjarat li l-attur għandu privileġġ għall-ispejjeż indikati fit-taxxa fol. 4 limitatament għas-somma ta' £14. 8. 1;

Dina s-somma l-attur għandu dritt ipprelevaha;

Kwantu għat-tieni domanda, ipprovdiet fuqha fis-sens li l-bilanċ tad-depożitu, jiġifieri £58. 16. 1, għandu jiġi konsegwit b'dana l-mod :—

*Omissis;*

Il-bilanċ ta' £47. 17. 7 għandu jiġi konsegwit mill-konvenuta Camilleri bħala kreditriċi ipotekarja pozjuri, imputabili skond il-liġi għall-kreditu tagħha ndikati fl-inkartament;

Kollox skond il-prospett (C) annes ma' dik is-sentenza, u li kellu jiġi registrat magħha;

Kwantu għall-ispejjeż.........;

Ir-ripartizzjoni skond dik is-sentenza kellha ssir per mezz u taħt id-direzzjoni ta' l-Avukat Dr. Edoardo Magri........., billi kkunsidrat;

Illi l-ewwel punt hu dak dwar jekk il-kreditu ta' l-attur għas-somma ta' £26. 2. 7 hux privileġġjat u prelevabili;

Illi l-konvenuti opponew illi l-ispejjeż magħmula għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu ma humiex privileġġjati;

Illi appärti l-fatt li fuq dan il-fatt il-ġurisprudenza — kif ġie rilevat mill-Imħallef Dr. Luigi Camilleri fis-sentenza Appell Inferjuri "La Rosa vs. Pirotta", 21 ta' Novembru 1925— ma hijiex, jew almenu ma kienetx dejjem, paċifika, in "nodum juris" f'każ simili hu jekk l-ispejjeż kienux utili għall-kredituri kollha; u ċertament, meta jkunu inkorsi biex il-ħaġa tiġi prodotta a vantaġġ ta' kulħadd, allura spejjeż simili għandhom igawdu l-privileġġ kontemplat fl-art. 2113 (d) Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta, li kien qabel l-art. 1778 nru. 4. Il-bażi tal-privileġġ kontemplat f'dak l-artikolu, sija a favur tal-vendituri kemm a favur ta' dawk li nkorrew spejjeż, kif ukoll a favur ta' l-avukat u prokuratur legali, hi dejjem l-istess, li ċjoè dawk l-ispejjeż saru, jew l-onorarji ġew gwadanjati, biex il-ħaġa tiġi prodotta a vantaġġ komuni (ara sentenza Kollez. Vol. VIII paġ. 89, Vol. XV paġ. 642, Vol. XVI—III—92, Vol. XVII—II—126, u s-sentenza inedita Conc. Credit. Anna Gerada, Kummerċ, 28. 6. 26);

Illi ma hemmx dubju li bil-kawża riferita fit-taxxa fol. i l-attur ta' allura u odjern ipprokura d-depożitu taċ-ċedola nru. 15 ta' l-1947 (£61. 6. 3)—wieħed mit-tnejn in kwistjoni; għaliex bl-azzjoni tiegħu rnexxielu jirrivendika fil-patrimonju tad-debitriċi komuni Esther Cuschieri flus li, diversament, kienu jibqgħu fil-patrimonju ta' wliedha;

Illi però, kif jidher mic-ċitazzjoni relativa għal dik l-istanza, id-domanda kienet doppja — waħda għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu ta' l-attur, u l-oħra għar-rivendikazzjoni tal-flus fuq imsemmija. L-appell mbagħad sar biss dwar id-domanda tal-kanonizzazzjoni. Hu ntuwitiv, għalhekk, illi għalkemm l-ispejjeż magħmula mill-attur igawdu privileġġ, għaliex magħmula

fl-interess komuni, jew almenu għaliex fil-fatt jirriżultaw, billi pprokuraw dak id-depożitu, a vantaġġ komuni, dan il-privileġġ għandu jiġi limitat għal dawk l-ispejjeż konnessi ma' l-ispettanza tal-flus, u mhux estiż għal dawk attinenti biss għall-kanonizzazzjoni. Għalhekk l-ammonti ndikati fit-taxxa fol. 4 għandhom jiġu ridotti skond il-prospett markat "A" unit ma' din is-sentenza, li għandu jiġi reġistrat a kalċe tagħha; u għalhekk l-ammont li għalih l-attur igawdi privileġġ hu dak ta' £14. 8. 1;

Illi d-domanda l-oħra hi għar-ripartizzjoni tal-bilanċ taż-żewġ depożiti, eżistenti globalment f'idejn l-Avukat Dr. Magri, bejn il-kontendenti in proporzjon tal-bilanċ tal-kreditu tagħhom;

Illi għandu jingħad illi favur il-konvenuta Mattocks u favur il-konvenuta Camilleri hemm anki l-privileġġ għar-rigward ta' l-ispejjeż tal-mandati tas-sekwestru li huma għamlu fuq il-flus in segwitu depożitati, bħala atti konservativi a vantaġġ ta' kulħadd, skond il-ġurisprudenza fuq ċitata; dan skond il-prospett l-ieħor markat "B" unit ma' din is-sentenza, li wkoll għandu jibqa' reġistrat magħha;

Illi l-konvenuta Camilleri ma jmissha ebda privileġġ għall-ispejjeż tas-subasta minnha reklamati fl-ewwel paragrafu tan-nota tagħha fol. 46, għaliex iż-żewġ ammonti in kwistjoni ma għandhomx x'jaqsmu xejn ma' dik is-subasta, mentri l-privileġġ tagħha hu fuq il-prezz rikavat mill-bejgħ f'dik is-subasta, u mhux fuq flus oħra;

Illi kwantu għall-pozjorità minħabba ipoteka reklamata miż-żewġ konvenuti, illi kuntrarjament għal dak li qal l-attur fin-nota tiegħu tas-27 ta' Diċembru 1949, dawn l-ipoteki ma ġewx ottenuti wara l-iżbank tad-depożiti "de quibus agitur", imma qabel. L-iżbank sar fl-10 ta' Jannar 1948, mentri l-ipoteki ġew aċċesi fl-1947;

Illi mid-dokumenti eżibiti jidher li l-krediti tal-konvenuta Camilleri huma muniti b'ipoteka ta' data aqwa, u għalhekk jegħelbu l-ipoteka tal-konvenuta Mattocks; l-attur ma hu qiegħed jivvanta ebda ipoteka;

Illi għalhekk il-bilanċ tad-depożiti, rijuniti globalment f'idejn Dottor Magri, għandu jingħata lill-konvenuta Camilleri, imputabili skond il-liġi għall-krediti tagħha;

**Rat** in-nota ta' l-appell ta' l-attur..........;

**Rat** in-nota ta' l-appell tal-konvenut Victor Mattocks......;

**Rat** il-petizzjoni ta' l-attur Angelo Aquilina u tal-konvenut Victor Mattocks nomine, li talbu li s-sentenza appellata fuq imsemmija tat-12 ta' Jannar 1950 tiġi riformata, billi tiġi konfermata f'dawk il-kapi fejn ġew assenjati lill-kontendenti l-ammonti għall-krediti privileġġjati rispettivi, u tkun revokata f'dak il-kap fejn ġie assenjat lill-konvenuta Camilleri l-bilanċ fuq riferit akkont tal-kreditu tagħha u rigward il-kap ta' l-ispejjeż relativi, u dan billi jiġi deċiż li l-inskrizzjonijiet ipotekarji fuq riferiti, u b'mod speċjali dik tal-kreditu tal-konvenuta Camilleri, ma għandhomx effett legali, u konsegwentement l-imsemmi bilanċ jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-proporzjon tal-krediti rispettivi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni bejn il-kontendenti quddiem din il-Qorti tirrigwarda l-bilanċ ta' £47. 17. 7, li l-ewwel Qorti assenjat lill-konvenuta Camilleri bi ħlas akkont ta' żewġ krediti tagħha kanonizzati b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Ottubru 1946 u b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-15 ta' Novembru 1946 rispettivament, u ammontanti flimkien għal £59. 14. 0, barra l-ispejjeż, li ġew insinwati fl-1947. Iżda l-appellanti qegħdin jikkontestaw l-effikaċja ta' l-inskrizzjoni ta' l-ipoteki ta' dawk iż-żewġ krediti, peress li jsostnu li meta saret l-inskrizzjoni, id-debitriċi komuni Esther Cuschieri kienet diġà fi stat ta' insolvenza;

Illi skond l-art. 2149 tal-Kodiċi Ċivili l-inskrizzjoni ma għandhiex effett jekk tiġi magħmula fi żmien li fih id-debitur ikun fi stat ta' falliment, jew jekk jiġi pruvat li l-kreditur fiż-żmien ta' l-inskrizzjoni kien jaf b'ċirkustanzi li setgħu jġagħlu lid-debitur jiddikjara falliment. Għaldaqstant għall-finijiet ta' dan l-artikolu huwa biżżejjed l-istat ta' falliment latenti, indott mit-twaqqif tal-ħlas tad-djun da parti tad-debitur komuni, bil-patt li dana jkun kummerċjant (sentenza ta' dil-Qorti ta' l-21 ta' Ottubru 1919 in re "Borg vs. Lowe", u tat-12 ta' Ottubru 1921 in re "Concorso creditori della eredità giacente di

Carlotta Oetta''), u li l-kreditur li jinskrivi l-ipoteka jkun jaf biċ-ċirkustanzi fuq (insemmija (sentenza ta' dil-Qorti tad-23 ta' Frar 1888 in re ''Dr. Pasquale Mifsud et. vs. Teresa Lanzon et.'', Kollez. XI, 545);

Illi jirriżulta li d-debitriċi komuni Esther Cuschieri kienet kummerċjanta, kif juru l-kawżi............;

Illi l-ipoteki tal-konvenuta Camilleri ġew inskritti fl-24 ta' April 1947. Dak iż-żmien Esther Cuschieri ġà kellha djun oħrajn, u ma kienetx qiegħda tħallas............ U li Cuschieri ma kienetx solventi meta Camilleri nskriviet l-ipoteka fis-sena 1947 jirriżulta ċar mill-fatt li allura l-attiv ta' Cuschieri kien bil-wisq anqas mill-passiv............; u dana bilfors kien magħruf mill-konvenuta Camilleri. Dik l-insolvenza kompliet ġiet aċċertata f'dil-kawża bix-xhieda ta' Esther Cuschieri stess;

Illi għalhekk, l-inskrizzjoni ta' l-ipoteki favur il-konvenuta Camilleri ma għandhomx effett, u l-bilanċ li ġie mill-Ewwel Qorti assenjat lil dik Camilleri għall-krediti ipotekarji, minħabba l-assenza ta' titolu validu ta' prelazzjoni, għandu jinqasam ''pro rata'' bejn il-kontendenti kollha;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' fil-meritu l-appell ta' l-appellanti, u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li s-somma ta' £47. 17. 7 tiġi konsegwita mill-kontendenti ''pro rata'' akkont tal-krediti bilanċjali rispettivi tagħhom; u tordna li r-ripartizzjoni ssir per mezz u taħt id-direzzjoni ta' l-Avukat Dr. Edward Magri, ġà mqabbad mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata; bl-istess provvediment rigward il-ħlas tad-drittijiet tiegħu mogħti fis-sentenza appellata fuq il-kap ta' l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza, iżda tordna li l-ispejjeż ta' l-appell jitħallsu mill-appellata Camilleri.